IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 6.4.2005
COM(2005) 116 finali

2005/0041 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm "Ċittadini għall-Ewropa" għall-inkoraġġiment ta' ċittadinanza Ewropea attiva

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

{SEC(2005) 442}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea llum tifforma netwerk sfiq ta' relazzjonijiet istituzzjonali, soċjali u politiċi li sar aktar għani fil-kuntest ta' Ewropa mkabbra u se jkompli jagħmel dan fil-kuntest ta' tkabbir fil-ġejjieni. Iċ-ċittadini Ewropej huma fil-qalba ta' dan il-proċess u l-involviment attiv tagħhom huwa essenzjali sabiex ikun assigurat żvilupp demokratiku u bbilanċjat ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Unjoni Ewropea, madanakollu, bħalissa qed tiffaċċja paradoss: minkejja s-suċċessi u l-kisbiet ta' l-Unjoni Ewropea minn mindu nħalqet, iċ-ċittadini Ewropej jidher li żviluppaw ċertu distanza lejn l-istituzzjonijiet Ewropej u għandhom diffikultajiet biex jidentifikaw lilhom infushom fi ħdan il-proċess ta' l-integrazzjoni ta' l-Ewropa. Il-livell baxx ta' parteċipazzjoni fl-aħħar elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew huwa eżempju reċenti. Il-Kunsill Ewropew għaraf f'diversi okkażjonijiet, il-bżonn li jġib lill-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tagħha eqreb lejn iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u nkoraġġixxa lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni biex imexxu 'l quddiem il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja pubblika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-Kummissjoni identifikat tliet tipi differenti ta' reazzjonijiet għal din il-problema, li għandhom jiġu implimentati permezz ta' inizjattivi differenti tal-Kummissjoni. L-ewwelnett, hemm il-ħtieġa għal informazzjoni aħjar fost iċ-ċittadini dwar l-istituzzjonijiet Ewropej u komunikazzjoni aħjar dwar il-kwistjonijiet Ewropej b'mod ġenerali. It-tieni, iċ-ċittadini jeħtieġ li jkunu konxji b'mod sħiħ, u jagħmlu użu sħiħ, mid-drittijiet tagħhom bħala ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea, kif hemm deskritt fl-Artikolu 17 tat-Trattat KE, u tad-drittijiet fundamentali tagħhom skond il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. It-tielet, iċ-ċittadini għandhom ikunu wkoll konxji tad-dmirjiet tagħhom bħala ċittadini u għandhom ikunu involuti b'mod attiv fil-proċess ta' integrazzjoni ta' l-Ewropa, fl-iżvilupp ta' sens ta' appartenenza u ta' identità Ewropea.

L-għan ta' dan il-programm huwa li jegħleb id-diffikultajiet tat-tielet kwistjoni. L-isfida sabiex jimtela l-vojt bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet Ewropej hija marbuta mill-qrib ma' sfida oħra, dik li tissaħħaħ il-koeżjoni fost l-Ewropej, b'mod partikolari wara l-adeżjoni ta' l-10 Stati Membri ġodda. F'kuntest bħal dak, il-valuri komuni, bħall-ħelsien, is-sens ta' ġustizzja, it-tolleranza u s-solidarjetà, li jgħaqqdu lis-soċjetajiet tagħna flimkien, isiru aktar importanti minn qatt qabel.

L-Unjoni Ewropea għalhekk teħtieġ programm li jqiegħed liċ-ċittadini fiċ-ċentru, li joffrilhom l-opportunità li jerfgħu b'mod sħiħ ir-responsabbiltajiet tagħhom bħala ċittadini Ewropej u li jirrispondi għall-ħtieġa li tittejjeb il-parteċipazzjoni tagħhom fil-bini ta' l-Ewropa. Dan il-programm jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tagħhom minn pajjiżi differenti sabiex jiltaqgħu, jaġixxu flimkien u jiżviluppaw l-ideat tagħhom f'ambjent Ewropew li jmur lil hinn minn viżjoni nazzjonali u li jirrispetta d-diversità tagħhom. Li wieħed jifhem lill-ieħor, is-solidarjetà u s-sens li wieħed huwa parti mill-Ewropa huma l-blokki li bihom jinbena l-involviment taċ-ċittadini.

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi programm tal-Komunità biex jinkoraġġixxi ċittadinanza Ewropea attiva (parteċipazzjoni ċivika) kienet adottata fis-26 ta' Jannar 2004, u pprovdiet bażi legali għal għotjiet sabiex ikun hemm inkoraġġiment għal ċittadinanza Ewropea attiva, għal perjodu ta' tliet snin (2004–2006)[1].

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nibnu l-Ġejjieni tagħna komuni: L-isfidi tal-politika u l-mezzi li għandhom x'jaqsmu ma' l-Estimi ta' l-Unjoni Mkabbra 2007-2013"[2] ipproponiet l-iżvilupp ta' ċittadinanza Ewropea bħala prijorità ewlenija għall-azzjoni ta' l-UE. Din inkludiet l-ħtieġa li ċ-ċittadinanza ssir realtà billi jiġu kkoltivati l-kultura u d-diversità ta' l-Ewropa, li jkopru l-oqsma li jinvolvu b'mod dirett iċ-ċittadini Ewropej fil-proċess ta' integrazzjoni, fosthom dak taċ-ċittadinanza. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq u tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika, flimkien mal-valutazzjoni *ex-ante* ta' l-istrument tal-ġejjieni, il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta leġislattiva bħala parti mill-ġenerazzjoni ġdida ta' programmi għall-perjodu 2007-2013. Il-programm propost jassigura il-kontinwità tal-programm ta' parteċipazzjoni Ċivika ta' bħalissa u jiftaħ it-triq għal attivitajiet ġodda, b'ċertu grad ta' flessibilità sabiex ikun jista' jadatta għall-iżviluppi tal-ġejjieni.

2. IR-RIŻULTAT TAL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

2.1. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi

Bħala parti mill-iżvilupp ta' din il-proposta għal programm ġdid, saru bosta konsultazzjonijiet li kellhom x'jaqsmu mal-problemi u l-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati, ma' l-utenti li għalihom huwa mmirat il-programm, ma' l-għanijiet essenzjali u ma' l-għażliet potenzjali għall-implimentazzjoni. Konsultazzjoni permezz ta' l-internet (*online*), minn Diċembru 2004 sa Frar 2004, wasslet għal aktar minn elf reazzjoni, fosthom madwar 700 minn organizzazzjonijiet u madwar 300 minn individwi. Ġie organizzat Forum Konsultattiv fit-3 u l-4 ta' Frar 2004, li ġabar madwar 350 parteċipant u li kopra l-firxa sħiħa tal-partijiet interessati kollha.

L-effett ewlieni ta' din il-konsultazzjoni kien li l-programm ġdid ingħata appoġġ enormi. Il-metodu ġenerali propost, jiġifieri li jkunu fil-mira kemm iċ-ċittadini b'mod dirett u kemm l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kien appoġġjat bil-kbir.

Is-suċċess ta' l-attivitajiet korrenti, bħall-ġemellaġġ bejn l-ibliet u l-għotjiet għall-ħidma *(operating grants)* għall-organizzazzjonijiet intwera bl-appoġġ qawwi li kien hemm sabiex dawn jitwettqu. L-innovazzjonijiet ewlenin imfittxa kienu l-proġetti mifruxa fuq numru ta' snin, l-ippûljar ta' esperjenza bejn il-proġetti lokali ta' Stati Membri differenti, l-iżvilupp ta' sħubijiet li jdaħħlu innovazzjonijiet ma' sħab ġodda u avvenimenti ewlenija li jorganiżżaw u jiġbru ċ-ċittadini fil-livell ta' l-UE, l-aktar fil-kuntest ta' djalogu bejn kulturi differenti.

Ingħataw importanza l-prinċipji ġenerali differenti, li għandhom jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-programm. Id-dimensjoni li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tqieset bħala waħda essenzjali. Il-ħtieġa li wieħed jagħti attenzjoni partikolari biex jimtela l-vojt bejn

---

1 ĠU L 30, tat-4.2.2004, p.6

2 COM (2004) 101, 10.2.2004

iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-"qodma", il-"ġodda" u dawk tal-ġejjieni kienet enfasizzata. L-iżvilupp ta' sinerġiji bejn l-attivitajiet differenti li saru u n-netwerking bejn it-tipi differenti ta' dawk li għandhom interess tqisu bħala importanti. Kien hemm ukoll sejħa biex jimtela l-vojt bejn dan il-programm u l-programmi l-oħrajn tal-Kummissjoni.

2.2. Il-valutazzjoni *ex-ante*

Ir-rapport tal-valutazzjoni *ex-ante* jippreżenta r-riżultati tal-konsultazzjoni biex jingħata sostenn lill-proposta. Jenfasizza l-ħtieġa biex wieħed iwieġeb għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini u ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għal skema li tappoġġja attitivajiet li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali fil-qasam ta' ċittadinanza attiva. Jagħti importanza lill-komplementarjetà ma' programmi u attivitajiet oħrajn ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod speċjali dawk implimentati mid-Direttorat Ġenerali għall-Istampa u għall-Komunikazzjoni, mid-Direttorat Ġenerali tar-Riċerka u mid-Direttorat Ġenerali tal-Ġustizzja, tal-Libertà u tas-Sigurtà.

3. L-GĦANIJIET TA' DAN IL-PROGRAMM ĠDID

L-għan globali tal-programm propost huwa li li jikkontribwixxu sabiex:

- iċ-ċittadini jingħataw l-opportunità li jaħdmu ma' xulxin u jipparteċipaw fil-bini ta' Ewropa dejjem eqreb, magħquda u arrikkita permezz tad-diversità kulturali tagħha;

- tinħoloq identità Ewropea, ibbażata fuq valuri, storja u kultura komuni rikonoxxuti;

- jikber il-valur tal-fehim reċiproku bejn iċ-ċittadini Ewropej li jirrispettaw u jiċċelebraw id-diversità kulturali, filwaqt li jikkontribwixxu għal djalogu bejn il-kulturi differenti.

Meta titqies is-sitwazzjoni korrenti u l-ħtiġijiet identifikati, l-aktar għanijiet speċifiċi xierqa li għandhom jiġu implimentati fuq bażi li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, huma:

- li jinġiebu flimkien nies minn komunitajiet lokali minn madwar l-Ewropa sabiex jaqsmu u jpartu l-esperjenzi, l-opinjonijiet u u l-valuri, sabiex jitgħallmu mill-istorja u jibnu għall-ġejjieni

Il-programm se jrawwem l-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini minn madwar l-Ewropa, kemm fl-attivitajiet tal-programm u kemm fl-iżvilupp ta' l-idea ta' identità Ewropea. Wieħed mill-modi l-aktar effettivi ta' parteċipazzjoni huwa li wieħed jkollu esperjenza diretta ta' kulturi oħrajn f'ambjent li jrawwem l-iskambju u fejn in-nies jitgħallmu permezz ta' involviment fil-kwistjonijiet u fl-azzjonijiet relatati ma' l-essenza ta' l-Ewropa. Dan l-iskambju bejn il-kulturi differenti se jikkontribwixxi għat-titjib ta' l-għarfien reċiproku tal-kultura u ta' l-istorja tal-popli Ewropej, u għalhekk se jġib il-wirt komuni kulturali tagħna fuq quddiem u jsaħħaħ il-bażi għal ġejjieni komuni tagħna.

- li jitrawmu l-azzjoni, id-dibattitu u r-riflessjoni relatati maċ-ċittadinanza Ewropea permezz ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew

Hemm il-ħtieġa li tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew. Dawk l-organizzazzjonijiet li jinsabu fl-Ewropa kollha, li jirrappreżentaw firxa vasta ta' ċittadini, jistgħu jagħmluha ta' mezzi ta' tkabbir u tkattir u joffru vuċi fl-Ewropa liċ-ċittadini, permezz ta' azzjonijiet, ta' dibattitu u ta' riflessjoni li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u li jgħaddu minn settur għall-ieħor, marbuta maċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea.

– li l-idea ta' l-Ewropa ssir aktar tanġibbli għaċ-ċittadini tagħha billi ssir promozzjoni u ċelebrazzjoni tal-valuri u tal-kisbiet ta' l-Ewropa, filwaqt li tinżamm sħiħa l-memorja ta' l-imgħoddi tagħha

Hemm ħtieġa għal attivitajiet li jindirizzaw l-aktar udjenza wiesa' possibbli minn-naħa għall-oħra tal-fruntieri, mibnija madwar ideat, valuri u kisbiet komuni, u li jilħqu l-akbar numru possibbli ta' Ewropej. Dawn l-attivitajiet madwar l-Ewropa għandhom l-għan li joħolqu sens ta' appartenenza għall-ideali komuni Ewropej, u jżidu mas-sens li diġà hemm ta' identità nazzjonali u reġjonali. Se jikkontribwixxu biex iġibu fuq quddiem il-wirt komuni kulturali.

– li jingħata inkoraġġiment lill-integrazzjoni bbilanċjata taċ-ċittadini u l-organizzazjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Istati Membri kollha, li jikkontribwixxu għal djalogu bejn il-kulturi differenti u jġibu fuq quddiem kemm id-diversità u kemm l-għaqda fl-Ewropa, b'attenzjoni partikolari għall-attivitajiet ma' l-Istati Membri li għadhom kif daħlu fl-Unjoni Ewropea

Mingħajr il-parteċipazzjoni qawwija u sħiħa taċ-ċittadini u ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ta' l-Istati Membri l-aktar ġodda, l-iżvilupp ta' l-Ewropa jiġi mittiefes b'mod serju. L-għanijiet kollha msemmija aktar 'il fuq għalhekk iqisu dan l-aħħar għan, li se jkun implimentat fl-attivitajiet kollha tal-programm. Il-kooperazzjoni li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali se jkollha rwol essenzjali f'dak li għandu x'jaqsam dan l-għan.

4. L-AZZJONIJIET

4.1 Azzjoni 1: Ċittadini attivi għall-Ewropa

Ġemellaġġ bejn l-ibliet

Din il-miżura hija mmirata lejn attivitajiet li jinvolvu jew jinkoraġġixxu skambji diretti bejn iċ-ċittadini Ewropej permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet, fosthom konferenzi u seminars dwar suġġetti ta' interess komuni, flimkien ma' pubblikazzjonijiet relatati, organizzati fil-kuntest ta' l-attivitajiet tal-ġemellaġġ bejn l-ibliet. Din il-miżura se tikkontribwixxu b'mod attiv biex tissaħħaħ il-konoxxenza u l-fehim wieħed ta' l-ieħor bejn iċ-ċittadini.

Il-proġetti taċ-ċittadini u l-miżuri ta' appoġġ

B'din il-miżura, numru ta' proġetti ta' dimensjoni li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u li tgħaddi minn settur għall-ieħor, li jinvolvu ċ-ċittadini b'mod dirett, jingħataw appoġġ. Id-daqs u l-ambitu ta' proġetti bħal dawk se jiddependu mill-iżviluppi fi ħdan is-soċjetà u se jesploraw, permezz ta' metodi li jdaħħlu innovazzjonijiet, reazzjonijiet possibbli għall-ħtiġijiet identifikati. Dawk il-proġetti se jiġbru ċittadini minn orizzonti differenti, li se jaġixxu flimkien jew jiddibattu dwar kwistjonijiet komuni Ewropej, u b'hekk jiżviluppaw fehim wieħed ta' l-ieħor flimkien ma' għarfien dejjem jikber tal-proċess ta' l-integrazzjoni ta' l-

Ewropa. Sabiex jitjiebu l-proġetti taċ-ċittadini, huwa meħtieġ ukoll li jiġu żviluppati miżuri ta' appoġġ sabiex ikun hemm skambju ta' l-aħjar prassi, ikun hemm ippûljar ta' esperjenzi bejn dawk li għandhom interess f'livelli lokali u reġjonali, fosthom l-awtoritajiet pubbliċi, u jiżviluppaw ħiliet ġodda, per eżempju, permezz ta' taħriġ.

4.2. Azzjoni 2: Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa

L-appoġġ strutturali għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka fil-politika pubblika Ewropea (*think tanks*)

L-entitajiet li jipprovdu ideat u riflessjonijiet ġodda dwar kwistjonijiet Ewropej huma interlokuturi istituzzjonali importanti li jistgħu jipprovdu rakkmandazzjonijiet indipendenti u strateġiċi, li jgħaddu minn settur għall-ieħor, lill-istituzzjonijiet ta' l-UE. Jistgħu jieħdu r-responsabbiltà għal attivitajiet li jrawmu d-dibattitu, l-aktar dwar iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea u dwar il-valuri u l-kulturi ta' l-Ewropa. Din il-miżura hija mmirata biex issaħħaħ il-ħila istituzzjonali ta' dawk l-organizzazzjonijiet, li huma rappreżentattivi, biex jipprovdu valur miżjud Ewropew tabilħaqq, li jistgħu jġibu effetti ta' tkattir u tkabbir importanti, u fl-aħħarnett, li jistgħu jikkooperaw ma' benefiċjarji oħrajn ta' dan il-programm. It-tisħiħ ta' netwerks li jmorru lil hinn mill-fruntieri Ewropej huwa element importanti f'dan il-qasam.

L-appoġġ strutturali għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom il-ħtieġa li jeżistu u li jkunu jistgħu jaħdmu u jikkooperaw fil-livell Ewropew f'għadd kbir ta' oqsma ta' interess ġenerali (eż. wirt u valuri komuni, volontarjat, kwistjonijiet soċjali). Din il-miżura se tipprovdihom bil-ħila u l-istabbiltà sabiex jaġixxu bħala katalisti li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali għall-membri tagħhom u għas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew. It-tisħiħ tan-netwerks li jmorru lil hinn mill-fruntieri Ewropej huwa element importanti f'dan il-qasam.

L-appoġġ għall-proġetti mibdija mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħal organizzazzjonijiet mhux tal-gvern, trejdunjons, federazzjonijiet, *think tanks* (gruppi jew istituzzjonijiet organizzati sabiex iwettqu riċerka intensiva u jsolvu problemi), eċċ. jistgħu, permezz ta' dibattitu, pubblikazzjonijiet, l-affermazzjoni ta' prinċipji demokratiċi u proġetti konkreti oħrajn li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, jinvolvu liċ-ċittadini u jirrappreżentaw l-interessi tagħhom. Billi jintroduċu jew jibnu fuq dimensjoni Ewropea fl-attivitajiet ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili se jagħtihom il-possibbiltà li jkabbru l-valur tal-ħiliet tagħhom u jilħqu udjenzi aktar wiesa'. Kooperazzjoni diretta fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili minn Stati Membri differenti se tikkontribwixxi għal fehim wieħed ta' l-ieħor ta' kulturi u fehmiet differenti u għall-identifikazzjoni ta' kawżi ta' ansjetà u valuri maqsumin bejniethom.

4.3. Azzjoni 3: Flimkien għall-Ewropa

L-avvenimenti li jidhru ferm

Din il-miżura tagħti appoġġ lil avvenimenti organizzati minn jew bil-kooperazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li huma sostanzjali fid-daqs u fl-ambitu, jolqtu l-likk mal-popli ta' l-Ewropa, jgħinu biex jikber is-sens ta' appartenenza tagħhom fl-istess komunità, jagħmluhom konxji ta' l-istorja, il-kisbiet u l-valuri ta' l-Unjoni Ewropea, jinvolvuhom fi djalogu bejn kulturi differenti u jikkontribwixxu għall-identità Ewropea tagħhom.

L-istudji

Sabiex wieħed jifhem aħjar iċ-ċittadinanza attiva fil-livell Ewropew, il-Kummissjoni se tagħmel studji, servejs u stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika.

L-għodod ta' l-informazzjoni u tat-tixrid

L-attenzjoni ffokata fuq iċ-ċittadini u l-inizjattivi differenti fil-qasam taċ-ċittadinanza attiva jitolbu informazzjoni komprensiva dwar l-attivitajiet differenti tal-programm, dwar azzjonijiet oħrajn fl-Ewropa li għandhom x'jaqsmu maċ-ċittadinanza u dwar inizjattivi oħrajn rilevanti li għandha tkun ipprovdut permezz ta' portal fuq l-internet u ta' għodod oħrajn.

5. L-ASPETTI LEGALI TAL-PROPOSTA

5.1. Il-bażi legali

L-importanza essenzjali biex ikun hemm inkoraġġiment għal fehim wieħed ta' l-ieħor u ta' djalogu bejn il-kulturi differenti u l-punt fokali meħtieġ fuq il-valuri, il-kultura u l-istorja tagħna, bħala l-blokki li fuqhom tinbena l-identità Ewropea, hi riflessa minn kull għan tal-programm.

Dawk l-għanijiet huma marbuta ma' l-Artikolu 151 tat-Trattat KE dwar "il-Kultura", imma r-referenza għall-Artikolu 308 tat-Trattat tal-KE hija wkoll meħtieġa sabiex ikunu koperti l-azzjonijiet taħt dan il-programm li m'għandhomx bażi legali speċifika f'dan it-Trattat.

5.2. Is-sussidjarjetà

L-azzjonijiet iddikjarati fil-programm huma komplementari għall-azzjonijiet li twettqu mill-Istati Membri, l-aktar fl-oqsma tal-kultura u ta' l-edukazzjoni. Il-Kummissjoni temmen li għand rwol komplementari x'tilgħab billi tipproponi programm speċifiku u ambizzjuż biex tinkoraġġixxi l-involviment attiv taċ-ċittadini fl-iżvilupp ta' l-Ewropa, ibbażat fuq attivitajiet li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Tabilħaqq riflessjoni u azzjoni speċifiċi fil-livell Ewropew u l-kwistjoni tal-kooperazzjoni u tal-mobilità, indirizzati minn, per eżempju, il-proġetti ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet, mhumiex indirizzati b'mod sistematiku fil-livell ta' Stat Membru.

5.3. Il-proporzjonalità

Il-programm propost se jiffoka fuq l-għanijiet tat-Trattat: se jġib il-valuri komuni fuq quddiem, filwaqt li jirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali. Se jinkoraġixxi l-parteċipazzjoni attiva miċ-ċittadini fil-valuri, fl-ideali u fil-ħajja ta' l-Ewropa flimkien mal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi. L-azzjonijiet ikkunsidrati f'dan il-programm ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-oġġettivi, skond il-prinċipju tal-proporzjonalità.

5.4. L-għażla ta' l-istrument

Strument leġislattiv ma jkunx xieraq biex jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kif huwa deskritt aktar 'il fuq. L-għanijiet proposti jitolbu implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti fil-livell Ewropew bil-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju xieraq u ma jistgħux jinkisbu b'sempliċi rakkmandazzjonijiet jew kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

5.5. Is-semplifikazzjoni

Fil-komunikazzjonijiet tagħha li ssemmew hawn fuq ta' l-10 ta' Frar u d-9 ta' Marzu 2004, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza li wieħed jikseb profitt mir-reviżjoni ta' strumenti legali sabiex jitħaffu, b'mod sinifikattiv, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti tal-Komunità u biex ikunu razzjonalizzati, kemm jista' jkun, il-programmi l-ġodda.

Metodi aktar sempliċi għall-benefiċjarji

Il-Kummissjoni se teżamina l-mezzi kollha disponibbli bħalissa sabiex jitnaqqas l-isfurzar fuq il-benefiċjarji filwaqt li tirrispetta r-regoli finanzjarji fis-seħħ, b'mod partikolari metodi ta' kif:

- jiġu ssemplifikati formoli u metodi ta' applikazzjoni;
- jiġi llimitat, f'ċerti każijiet, l-ammont ta' informazzjoni li jkun fihom ftehim ta' għotjiet *(grant agreements)*;
- il-proċedura ta' l-għotja ssir aktar trasparenti u tittejjeb l-informazzjoni għall-applikanti;
- jiġi applikat il-prinċipju ta' proporzjonalità kemm jista' jkun, per eżempju billi jintużaw sistemi b'rata waħda (fissa) għal kontribuzzjonijiet żgħar;
- jitħalla jkun hemm ko-finanzjament ta' l-istess xorta għal għotjiet żgħar.

Sabiex titħaffef it-tmexxija amministrattiva tal-programm, il-proposta għal bażi legali tinkorpora d-derogi awtorizzati mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-miżuri tiegħu ta' implimentazzjoni.

Żvilupp ta' ftehimiet ta' sħubija mifruxa fuq numru ta' snin

Il-programm se jiżviluppa l-prinċipju ta' sħubija mifruxa fuq numru ta' snin, ibbażati fuq għanijiet miftiehma, mibnija fuq l-analiżi tar-riżultati, sabiex ikunu assigurati benefiċċji wieħed lill-ieħor kemm għas-soċjetà ċivili u kemm għall-Unjoni Ewropea.

Il-maniġment razzjonalizzat

Il-programm se jkun immaniġġjat b'mod ċentralizzat, jew b'mod dirett jew b'mod indirett. Sabiex tissaħħaħ l-effikaċja u l-effiċjenza tal-programm, il-Kummisjoni se tafda l-maniġment ta' wħud mill-miżuri f'idejn aġenzija eżekuttiva. Jekk ikun meħtieġ, il-programm jista' jkun immaniġġjat parzjalment fil-livell ta' Stat Membru (maniġment ċentralizzat indirett).

Is-semplifikazzjoni tal-linji tal-baġit

Il-programm se jissemplifika wkoll il-maniġment finanzjarju ta' dawn l-attivitajiet għall-Kummissjoni, għaliex ikun hemm linja waħda ta' baġit minflok tmienja (in-nefqa amministrattiva mhux inkluża).

6. L-IMPLIKAZZJONIJIET TA' L-ESTIMI

In-nefqa tal-programm għall-perjodu 2007-2013 hija ta' EUR 235 miljun.

2005/0041 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm "Ċittadini għall-Ewropa" għall-inkoraġġiment ta' ċittadinanza Ewropea attiva

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 151 u 308 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea[3],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[4],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[5],

Jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[6],

Billi:

(1) Iċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni għandha tkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

(2) Il-Komunità għandha tinkoraġġixxi liċ-ċittadini Ewropej jieħdu l-vantaġġi kollha mill-aspetti kollha taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea, li għandha tingħata promozzjoni filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lis-sussidjarjetà.

(3) Biex iċ-ċittadini jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom lill-integrazzjoni ta' l-Ewropa, għandu jkun hemm enfasi akbar fuq il-valuri, l-istorja u l-kultura komuni bħala elementi essenzjali tas-sħubija tagħhom f'soċjetà imwaqqfa fuq il-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jkun hemm rispett għad-diversità tagħhom.

(4) Biex l-Ewropa tinġieb eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha u sabiex dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-bini ta' Ewropa dejjem eqreb, hemm il-ħtieġa li jkunu indirizzati ċ-ċittadini kollha u jkunu involuti fi skambji u attivitajiet ta' kooperazzjoni li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u li jikkontribwixxu sabiex jinħoloq sens ta' appartenenza għall-ideali komuni Ewropej.

---

3 ĠU C , , p. .
4 ĠU C , , p. .
5 ĠU C , , p. .
6 ĠU C , , p. .

(5) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 1988[7], qies li ta' min isir sforz kbir sabiex jiżdiedu l-kuntatti bejn iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri differenti u ddikjara li appoġġ speċifiku mill-Unjoni Ewreopa għall-iżvilupp ta' skemi ta' ġemellaġġ bejn muniċipalitajiet fi Stati Membri differenti hija kemm razzjonali kif ukoll mixtieqa.

(6) Il-Kunsill Ewropew għaraf f'diversi okkażjonijiet il-ħtieġa li jġib lill-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha eqreb lejn iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. Ta inkoraġġiment lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni sabiex iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mas-soċjetà ċivili u biex jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja pubblika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li jenfasizza l-valuri essenzjali li jaqsmu bejniethom iċ-ċittadini ta' l-Ewropa[8].

(7) Il-Kunsill stabbilixxa fid-Deċiżjoni tiegħu tas-26 ta' Jannar 2004[9], programm ta' azzjoni tal-Komunità sabiex jinkoraġġixxi ċittadinanza attiva Ewropea (parteċipazzjoni ċivika), li kkonferma l-ħtieġa li jitmexxa djalogu sostnut ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u muniċipalitajiet u sabiex jagħti appoġġ lill-involviment attiv taċ-ċittadini.

(8) L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali huma intermedjarji importanti sabiex jintlaħqu ċ-ċittadini. Il-kooperazzjoni tagħhom li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali għandha għalhekk tingħata inkoraġġiment.

(9) L-organizzazzjonijiet ta' riċerka fil-politika pubblika Ewropea jistgħu jipprovdu ideat u riflessjonijiet sabiex irawmu d-dibattitu fil-livell Ewropew. Jistgħu wkoll jipprovdu rabta bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u ċ-ċittadini, u għalhekk għandhom jingħataw appoġġ.

(10) Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-integrazzjoni bbilanċjata taċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Istati Membri kollha fi proġetti u attivitajiet li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali.

(11) Il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi ta' l-EFTA li huma partijiet fil-Ftehim ta' l-EEA huma rikonoxxuti bħala parteċipanti potenzjali fil-programmi tal-Komunità, skond il-ftehim li sar magħhom.

(12) Il-Kunsill Ewropew ta' Thessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 adotta l-"Aġenda ta' Thessaloniki għall-Balkani tal-Punent: mexjin lejn integrazzjoni Ewropea", li stiednet lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punenti sabiex jipparteċipaw fil-programmi u fl-aġenziji tal-Komunità; għalhekk il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għandhom jiġu rikonoxxuti bħala parteċipanti potenzjali fil-programmi tal-Komunità.

(13) Il-programm għandu jkun immonitorjat u vvalutat b'mod regolari f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex ikun hemm lok għal aġġustamenti mill-ġdid, b'mod partikolari f'dawk li għandhom x'jaqsmu l-prijoritajiet għall-implimentazzjoni tal-miżuri.

---

7 ĠU C 122, 9.5.1988, p. 38.

8 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsilli Ewropej ta' 7-9 ta' Diċembru 2000, 14-15 ta' Diċembru 2001 (u annessa d-Dikjarazzjoni ta' Laeken), 4-5 ta' Novembru 2004 u 16-17 ta' Diċembru 2004.

9 Deċiżjoni 2004/100/KE ĠU L 30, 4.2.2004, p. 6.

(14) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament Finanzjarju")[10] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1605/2002[11], li jissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-Komunità, għandhom ikunu applikati billi wieħed iqis il-prinċipji tas-sempliċità u tal-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti ta' l-estimi, limitu fuq in-numru ta' każijiet fejn il-Kummissjoni jibqa' jkollha responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-maniġment tagħhom, u l-proporzjonalità meħtieġa bejn l-ammont ta' riżorsi u l-piż amministrattiv relatat ma' l-użu tagħhom. Hemm ukoll ħtieġa li wieħed jipprovdi għal arranġamenti speċifiċi għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-miżuri ta' l-implimentazzjoni tiegħu, flimkien mad-derogi minn dawn it-testi li saru meħtieġa minħabba l-karatteristiċi tal-benefiċjarji u n-natura ta' l-azzjonijiet.

(15) Għandhom jittieħdu wkoll miżuri xierqa sabiex ma jitħallewx isiru irregolaritajiet u frodi u biex jiġu rkuprati fondi mitlufa jew imħallsa jew użati ħażin.

(16) Id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas finanzjarju tul il-programm kollu li se jkun il-punt ewlieni ta' referenza għall-awtorità ta' l-estimi fi ħdan it-tifsira tal-punt ... tal-Ftehim Bejn l-Istituzzjonijiet ta' ... bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina li għandha x'taqsam ma' l-estimi u t-titjib tal-proċedura li għandha x'taqsam ma' l-estimi.

(17) Ladarba l-għanijiet tal-programm "Ċittadini għall-Ewropa" ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell ta' Komunità, minħabba n-natura li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u n-natura multilaterali ta' l-azzjonijiet u tal-miżuri tal-programm, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipji ta' sussidjarjetà kif indikati fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif indikat f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(18) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni[12].

(19) Il-miżuri tranżizzjonali sabiex jimmonitorjaw azzjonijiet li nbdew qabel il-31 ta' Diċembru 2006 għandhom jiġu adottati, skond id-Deċiżjoni 2004/100/KE.

---

[10] ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.
[11] ĠU L 357, 31.12.2002, p.1.
[12] ĠU L 184, 17.7.1999, p.23

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1
Is-suġġett u l-ambitu tal-programm

1.Din id-deċiżjoni tistabbilixxi l-programm "Ċittadini għall-Ewropa" għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

2.Il-programm għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet ġenerali li ġejjin:

– Iċ-ċittadini jingħataw l-opportunità li jaħdmu ma' xulxin u jipparteċipaw fil-bini ta' Ewropa dejjem eqreb, magħquda u arrikkita permezz tad-diversità kulturali tagħha;

– Tinħoloq identità Ewropea, ibbażata fuq valuri, storja u kultura komuni rikonoxxuti;

– Jikber il-valur tal-fehim wieħed ta' l-ieħor bejn iċ-ċittadini Ewropej li jirrispettaw u jiċċelebraw id-diversità kulturali, filwaqt li jikkontribwixxu għal djalogu bejn il-kulturi differenti..

Artikolu 2
L-għanijiet speċifiċi tal-programm

Il-programm għandu jkollu l-għanijiet speċifiċi li ġejjin, li għandhom ikunu implimentati fuq bażi li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali:

(a) Jinġiebu flimkien nies minn komunitajiet lokali minn madwar l-Ewropa sabiex jaqsmu u jpartu l-esperjenzi, l-opinjonijiet u l-valuri, sabiex jitgħallmu mill-istorja u jibnu għall-ġejjieni;

(b) Jiġu kkoltivati azzjoni, dibattitu u riflessjoni relatati maċ-ċittadinanza Ewropea permezz ta' kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew;

(c) L-idea ta' l-Ewropa ssir aktar tanġibbli għaċ-ċittadini tagħha billi ssir promozzjoni u ċelebrazzjoni tal-valuri u l-kisbiet ta' l-Ewropa, filwaqt li tinżamm sħiħa l-memorja ta' l-imgħoddi tagħha;

(d) Jingħata inkoraġġiment lill-integrazzjoni bbilanċjata ta' ċittadini u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Istati Membri kollha, li jikkontribwixxu għal djalogu bejn il-kulturi differenti u jġibu fuq quddiem kemm id-diversità u kemm l-għaqda fl-Ewropa, b'attenzjoni partikolari għall-attivitajiet ma' l-Istati Membri li għadhom kif daħlu fl-Unjoni Ewropea

Artikolu 3
L-Azzjonijiet

1. L-għanijiet tal-programm għandhom jiġu segwiti permezz ta' l-appoġġ għall-azzjonijiet li ġejjin, bid-dettalji tagħhom jistgħu jinsabu fil-Parti I ta' l-Anness:

   (a) Ċittadini attivi għall-Ewropa li jikkonsisti f'dan li ġej:

   – ġemellaġġ bejn l-ibliet

   – proġetti taċ-ċittadini u miżuri ta' appoġġ

   (b) Soċjetà ċivili attiva ta' l-Ewropa, li jikkonsisti f'dan li ġej:

   – appoġġ strutturali għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka fil-politika pubblika Ewropea (*think tanks*)

   – appoġġ strutturali għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jinsabu fil-livell Ewropew

   – appoġġ għall-proġetti li jinbdew minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

   (c) Flimkien għall-Ewropa, li jikkonsisti f'dan li ġej:

   – avvenimenti li jidhru ferm, bħal kommemorazzjonijiet, għotjiet ta' premjijiet, konferenzi madwar l-Ewropa…

   – studji, servejs u stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika

   – għodod ta' l-informazzjoni u tat-tixrid

2. F'kull azzjoni, tista' tingħata prijorità lill-integrazzjoni bbilanċjata taċ-ċittadini u ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Istati Membri kollha, kif hu provdut fl-għanijiet speċifiċi indikati fl-Artikolu 2 (4).

3. Il-miżuri tal-Komunità jistgħu jieħdu l-forma ta' għotjiet jew kuntratti ta' akkwisti pubbliċi.

4. L-għotjiet tal-Komunità jistgħu jkunu provduti permezz ta' forom speċifiċi bħal għotjiet għall-ħidma, għotjiet għall-azzjoni, boroż ta' studju u premjijiet.

5. Il-kuntratti ta' akkwisti pubbliċi se jkopru x-xiri ta' servizzi, bħall-organizzazzjoni ta' avvenimenti, l-istudji u r-riċerka, l-għodod ta' l-informazzjoni u tat-tixrid, l-immonitorjar u l-valutazzjoni.

6. Sabiex wieħed ikun eliġibbli għal għtoja tal-Komunità, il-benefiċjarji għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa indikati fil-Parti II ta' l-Anness.

Artikolu 4
Il-parteċipazzjoni fil-programm

Il-programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li ġejjin, li minn issa 'l quddiem se jissejjħu "pajjiżi parteċipanti":

(a) l-Istati Membri;

(b) l-Istati ta' l-EFTA li huma parti mill-ftehim ta' l-EEA, skond id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim;

(c) il-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni, skond il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fil-programmi tal-Komunità stabbiliti, rispettivament, fil-qafas tal-ftehim u fid-deċiżjonjiet tal-Kunsilli ta' Assoċjazzjoni;

(d) il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, skond l-arranġamenti li għad iridu jkunu stabbiliti ma' dawn il-pajjiżi taħt il-ftehim tal-qafas fuq il-prinċipji ġenerali tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi tal-Komunità.

Artikolu 5
L-aċċess għall-programm

Il-programm għandu jkun miftuħ għal dawk kollha li għandhom interess li qed jinkoraġġixxu ċittadinanza attiva Ewropea, b'mod partikolari għal kommunitajiet lokali, organizzazzjonijiet ta' riċerka fil-politika pubblika Ewropa (*think-tanks*), gruppi taċ-ċittadini u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili bħal organizzazzjonijiet mhux tal-gvern, pjattaformi, netwerks, assoċjazzjonjiet u federazzjonijiet, trejdjunjins.

Artikolu 6
Il-kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali

Il-programm jista' jkopri attivitajiet konġunti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam taċ-ċittadinanza attiva, bħall-Kunsill ta' l-Ewropa u l-UNESCO, fuq il-bażi ta' kontribuzzjonijiet konġunti u skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u r-regoli varji ta' kull istituzzjoni jew organizzazzjoni.

Artikolu 7
Il-miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni se tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness.

2. Il-miżuri li ġejjin għandhom jiġu adottati skond il-proċedura tat-tmexxija li tissemma fl-Artikolu 8(2):

   (a) l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-programm, fosthom il-pjan tax-xogħol għas-sena, il-kriterji ta' l-għażla u l-proċeduri ta' għażla;

(b) il-bilanċ ġenerali bejn l-azzjonijiet differenti tal-programm;

(c) il-proċeduri biex il-programm ikun immonitorjat u vvalutat.

3. Il-miżuri l-oħrajn kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 8(3).

4. Bħala parti mill-proċedura msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tikkompila linji ta' gwida għal kull azzjoni fl-Anness sabiex jiġi adattat il-programm għal kwalunkwe bidla fil-prijorità fil-qasam taċ-ċittadinanza attiva Ewropea.

Artikolu 8
Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni tkun mgħejuna minn kumitat, minn issa 'l quddiem "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jiġi kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

   Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahrejn.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

4. Il-kumitat għandu jadotta r-Regoli tal-Proċedura tiegħu.

Artikolu 9
Il-koerenza ma' l-istrumenti l-oħrajn tal-Komunità u ta' l-Unjoni Ewropea

1. Il-Kummissjoni għandha tassigura l-koerenza u l-komplementarjetà bejn dan il-programm u l-istrumenti fl-oqsma l-oħrajn ta' azzjoni tal-Komunità, b'mod speċjali fl-edukazzjoni, fit-taħriġ vokazzjonali, fil-kultura, fl-isport, fid-drittijiet u fil-libertajiet fundamentali, fl-inklużjoni soċjali, fl-ugwaljanza bejn is-sessi, fit-taqbid kontra d-diskriminazzjoni, fir-riċerka u fl-azzjoni esterna tal-Komunità, b'mod partikolari fil-kuntest tal-politika tal-Viċinanzi ta' l-Ewropa *(European Neighbourhood policy)*.

2. Il-programm jista' jaqsam riżorsi ma' strumenti oħrajn tal-Komunità u ta' l-Unjoni sabiex jimplimenta azzjonjiet li jilħqu l-għanijiet kemm ta' dan il-programm kif ukoll ta' dawn l-istrumenti l-oħrajn.

Artikolu 10
Ir-riżorsi tal-baġit

